



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-390/17 P**

**Irit Azoulay *et***

**vs**

**Il-Parlament Ewropew**

“Appell — Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Allowance tal-edukazzjoni — Rifjut ta’ rimbors tal-ispejjeż skolastiċi — Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) tat-30 ta’ Mejju 2018

1. *Uffiċjali — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Allowance tal-edukazzjoni — Spejjeż skolastiċi — Kunċett — Kontribuzzjonijiet imħallsa lil assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta’ lukru għall-parteċipazzjoni tal-ulied għal proġett speċifiku u għall-edukazzjoni mhux issussidjata — Esklużjoni*

*(Regolamenti tal-Persunal, Anness VII, Artikolu 3(1))*

2. *Uffiċjali — Ugwaljanza fit-trattament — Limiti — Vantaġġ mogħti illegalment*

1. Il-kunċett ta’ “spejjeż [skolastiċi]” huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Sabiex jiġi interpretat dan il-kunċett, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b’mod partikolari, il-kliem u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jindika b’mod ċar li l-ispejjeż sostnuti għandhom jippermettu l-attenzenza ta’ istituzzjoni bil-ħlas. L-għan tal-adozzjoni ta’ din id-dispożizzjoni huwa li tqarreb l-allowance għall-edukazzjoni mal-livell reali tal-infiq li jkun sar mill-uffiċjali. B’hekk, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikolu 3 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta’ implementazzjoni jipprovdli li l-allowance għall-edukazzjoni tkopri l-ispejjeż ta’ reġistrazzjoni u ta’ attenzenza fl-istabbiliment ta’ edukazzjoni bi ħlas u l-ispejjeż tat-trasport, bl-esklużjoni tal-ispejjeż l-oħra kollha. Fid-dawl tan-natura awtonoma tal-kunċett ta’ “spejjeż [skolastiċi]”, il-kwalifika ta’ dan il-kunċett tiddependi fuq in-natura nnifisha u fuq l-elementi li jikkostitwixxu l-ispiża li għandha tiġi rimborsata.

Il-kontribuzzjonijiet imħallsa lill-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta’ lukru kkonċernati ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala “spejjeż [skolastiċi]”. Fil-fatt, dawn jikkostitwixxu spejjeż iġġenerati minn rekwiżiti u attivitajiet relatati mal-proġett speċifiku u ta’ edukazzjoni mhux issussidjata tal-iskejjel inkwistjoni, u għandhom jitqiesu bħala “spejjeż oħra relatati mat-twettiq tal-programm skolastiku tal-istabbiliment ta’ edukazzjoni li l-istudent jattendi” fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta’ implementazzjoni relattivi għall-ġhoti tal-allowance tal-edukazzjoni.

(ara l-punti 17-20, 24)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 39)